MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Diċembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 971/2016 LM

**Hotel San Antonio Limited (C 302)**

***vs.***

**Edrichton Holidays Limited (C 3111)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-28 ta' Ottubru, 2016 minn **Hotel San Antonio Limited** (C 302) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), u maħluf minn Vincent Degiorgio (K.I. 164171M) in rappreżentanza tal-istess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi s-soċjetà intimata hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf, seba' mija wieħed u tletin Euro u għaxar ċenteżmi (€23,731.10) rappreżentanti prezz ta' ħlas għal servizz ta' akkomodazzjoni turistika fil-lukanda*

*San Antonio, San Pawl il-Baħar reżi mis-soċjetà mittenti fil-konfront ta' klijenti tas-soċjetà intimata, u dan kif jidher minn kopja ta' rendikont hawn anness u mmarkat Dokument "SB1";*

2. *Illi s-soċjetà intimata, minkejja li interpellata diversi drabi sabiex tħallas, baqgħet inadempjenti;*

3. *Illi d-debitu hawn imsemmi huwa ċert, likwidu u dovut u s-soċjetà intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti għat-talba rikorrenti.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tipproċedi għas-sentenza skont it-talba rikorrenti bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kodiċi Tal-Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta); u*

2. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tlieta u għoxrin elf, seba' mija u wieħed u tletin euro u għaxar ċenteżmi (€23,731.10) rappreżentanti prezz ta' ħlas ta' servizzi ta' akkomodazzjoni turistika reżi mis-soċjetà rikorrenti fuq inkarigu tas-soċjetà intimata.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru Nru. 1475/2016 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-aħħar ħlas għal servizz ta' akkomodazzjoni sad-data tal-effettiv pagament kontra s-soċjetà intimata li d-diretturi u r-rappreżentanti tagħha huma inġunti minn issa in subizzjoni.*

Rat illi s-soċjetà konvenuta **Edrichton Holidays Limited** (C 3111), (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") ressqet nota *ai termini* tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tattakka r-regolarità tal-proċeduri sommarji użati mis-soċjetà attriċi għax ma jgħoddux għall-każ odjern, fejn eċċepiet:

1. *Illi l-ewwel nett, it-talba u l-proċedura użata mis-soċjetà rikorrenti huma intempestivi u irregolari u dan stante illi s-soċjetà esponenti tħaddan kont kurrenti u miftuħ għas-soċjetà rikorrenti u għalhekk l-ebda ammont ma' seta' jintalab sakemm ikun magħluq l-istess kont kurrenti ai termini tal-artikolu 264 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi din hija raġuni biżżejjed sabiex jiġu esklużi l-proċeduri sommarji speċjali stante li hemm nuqqas tal-element ta' likwidità tas-somma mitluba;*

3. *Illi sussegwentement, mingħajr preġudizzju għas-suespost, għalkemm il-kont kurrenti għadu ma ngħalaqx jidher li s-somma bilanċjali ma teċċedix ħamest elef mija u sebgħa u ħamsin Euro (€5,157) sal-aħħar ta' Settembru 2016 u mhux l-ammont mitlub u dan kif jista' jiġi ppruvat waqt dawn il-proċeduri permezz ta' dokumenti appositi;*

4. *Illi għalhekk is-soċjetà rikorrenti ma kellhiex jedd tipproċedi bil-proċedura sommarja u dan stante illi s-soċjetà esponenti għandha diversi eċċezzjonijiet xi tressaq;*

5. *Illi s-soċjetà rikorrenti qed tirriserva illi tressaq ukoll eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Illi fid-dawl ta' dan huwa sottomess li l-proċeduri sommarji huma inapplikabbli u irregolari.*

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2016 fejn in vista tas-sottomissjonijiet imressqa mis-soċjetà konvenuta fin-nota tagħha, qieset illi din kellha eċċezzjonijiet x'tagħti, u għalhekk din ġiet mogħtija għoxrin (20) ġurnata sabiex tressaq ir-Risposta Maħlufa tagħha.

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Edrichton Holidays Limited** (C 3111) ippreżentata fit-23 ta' Diċembru, 2016 u maħlufa minn Louis Tabone (K.I. 576847M) in rappreżentanza tal-istess, fejn eċċepiet:

1. *Illi din ir-risposta ġuramentata qiegħda tiġi ppreżentata mis-soċjetà esponenti wara illi din l-Onorabbli Qorti pprovdiet permezz ta' digriet datat 5 ta' Diċembru 2016 ai termini tal-Artikolu 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex is-soċjetà tippreżenta din ir-risposta ġuramentata fi żmien għoxrin (20) ġurnata kif hemm stipulat;*

2. *Intempestività. Illi t-talba għall-ħlas ta' ammonti sa Settembru 2016*[1] *mis-soċjetà rikorrenti hija intempestiva stante li l-kontijiet bejn il-kontendenti jingħalqu fl-*

[1] Skont l-*istatements* preżentati mis-soċjetà rikorrenti mar-rikors ġuramentat tagħha.

*aħħar ta' Ottubru 2016. Fil-fatt, parti sostanzjali mir-relazzjoni kummerċjali hija bbażata fuq prinċipji ta' kont kurrenti fejn avvanzi li jkunu saru mill-intimata jiġu allokati, paċuti jew rifużi skont l-użu tal-faċilitajiet li toffri r-rikorrenti. Għalhekk it-talbiet għandhom jiġu miċħuda għaliex ma jirriflettux il-ftehim milħuq bejn il-kontendenti u operat tul is-snin;*

3. *Illi subordinatament, mingħajr preġudizzju għall-fuq eċċepit, is-somma dovuta sal-aħħar ta' Ottubru 2016, għas-saldu, mis-soċjetà esponenti skont rikonċiljazzjoni magħmula minnha (ara 'Dok. E1' hawn anness ma' din ir-risposta) hija ta' erbgħa u tletin elf u tmien mija u tlieta u erbgħin euro u ħamsa u sittin ċenteżmi (€34,843.65) u dan kif ser jiġi mfisser fid-dettall fil-mori ta' dawn il-proċeduri;*

4. *Illi kull ammont illi jikkonsisti f'bookings ta' Tour Operator barrani jisimha 'Lowcostbeds.com Limited' li falliet u, illi kif ġie aċċettat mill-istess soċjetà rikorrenti permezz tal-booking vouchers u wkoll minħabba l-portata tal-ftehim bejn iż-żewġ partijiet ta' Marketing and Use, dawn l-istess bookings m'għandhom qatt jitħallsu mis-soċjetà esponenti. Dan ser jiġi mfisser fid-dettall fil-mori ta' dawn il-proċeduri permezz ta' xhieda apposita jekk ikun il-każ;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-Liġi jekk ikun permissibbli.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà rikorrenti.*

*Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158(3) (ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

1. *Illi s-soċjetà esponenti topera fil-qasam tat-turiżmu u ilha hekk topera għal dawn l-aħħar erbgħin (40) sena;*

2. *Ir-relazzjoni tal-intimata mar-rikorrenti hija waħda mibnija fuq żewġ binarji. Waħda fejn taġixxi bħala marketing operator tar-rikorrenti fejn tipperċepixxi commission fuq il-bejgħ tal-kmamar u l-oħra fejn hi stess tixtri l-kmamar u tbiegħhom bi profitt. Fuq tal-ewwel hi mhux responsabbli għall-ħlas tar-rikorrenti waqt li fuq tal-aħħar hija responsabbli għall-ħlas tal-bejgħ tal-kmamar;*

3. *Illi r-relazzjoni kuntrattwali għall-istaġun tax-xitwa u dak tas-sajf hi bbażata fuq 'Special Offer Definite Agreement for the Marketing and Use of Tourist Accomodation' kif ukoll skont "Bookings Confirmation Vouchers" għal kull booking separat fejn ikun hemm termini u kundizzjonijiet speċifiċi aċċettati miż-żewġ partijiet (dawn ġew annessi bħala 'Dok. E2' u 'Dok. E3' ma' din ir-risposta ġuramentata);*

4. *Illi parti sostanzjali tar-relazzjoni bejn il-partijiet fi ħdan il-ftehim fuq imsemmi kif ukoll ai termini ta' kull booking voucher separat, kienu jsiru diversi advance payments ta' fondi lis-soċjetà rikorrenti min-naħa tas-soċjetà esponenti. Dawn kienu jissejħu pagamenti ta' Early Booking Discount ('EBD') ta' persentaġġ fil-mija tal-ammont ta' bookings sabiex jingħata skont fuq l-istess bookings min-naħa tas-soċjetà rikorrenti. Din il-prassi kummerċjali kienet ilha hekk għaddejja għal diversi snin b'mod illi l-kontijiet reċiproki taż-żewġ partijiet qatt ma kienu ġew magħluqa definittivament sakemm kien għaddej negozju bejn il-kontendenti.*

5. *Illi ġara illi Tour Operator barrani, Lowcostbeds.com Limited, għal xi raġuni jew oħra falla fil-15 ta' Lulju 2016 u ma baqax jopera (ara 'Dok. E4' hawn anness). Fil-fatt is-soċjetà esponenti, in buona fede, kienet minnufih infurmat lis-soċjetà rikorrenti dwar dan permezz ta' korrispondenzi elettroniċi (kopja hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. E5'). Peress illi s-soċjetà esponenti kienet topera mas-soċjetà rikorrenti permezz ta' ftehim ta' Marketing and Use of Tourist Accomodation kienet għalhekk tirreklama l-offerti tas-soċjetà rikorrenti ma' inter alia, din it-Tour Operator barranija. Fil-fatt f'kull Booking Voucher separat, li s-soċjetà esponenti kienet tibgħat lis-soċjetà rikorrenti fejn kien jiġi aċċettat mill-istess soċjetà rikorrenti, kien hemm stipulat illi s-soċjetà esponenti ma kinitx qed tkun responsabbli għal ebda pagament tal-istess bookings stante li kellu jkun it-Tour Operator barrani (f'dan il-każ il-Lowcostbeds.com Ltd) li kellu jħallas;*

6. *Illi skont rendikont magħmul mingħajr preġudizzju mis-soċjetà esponenti kif hawn anness jidher illi l-ammont totali fuq l-istatement tas-soċjetà rikorrenti (mhux f'dawn il-proċeduri) sal-aħħar ta' Ottubru 2016 huwa ta' mitt elf u erbgħa u għoxrin u sitt mija u sebgħa u tmenin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€124,687.86) (ara rendikont tas-soċjetà esponenti hawn anness bħala 'Dok. E1'). Dan ser jiġi spjegat fid-dettall waqt il-mori ta' dawn il-proċeduri;*

7. *Illi konsegwentement, ir-rikorrenti skorrettement allokat l-ammont ta' mitt elf Euro (€100,000) li kellhom jiġu allokati lill-kumpanija oħra fi ħdan l-istess grupp ta' kumpanniji u ċioe lis-Seabank Hotel and Catering Limited (ara 'Dok. E6' bħala prova ta' dan li ser jiġi spjegat fid-dettall). Tenut kont tas-somma globalment sal-aħħar ta' Ottubru 2016 hemm l-ammont ta' erbat elef u erba' mija u tmienja u għoxrin u sebgħa u tmenin Euro (€4,428.87) li huma ammonti diġà mħallsa, l-ammont ta' sitt elef u mija u tnejn u sebgħin euro u sitt ċenteżmi (€6,172.06) li ma jaqbilx mas-sistema interna tas-soċjetà esponenti għal diversi raġunijiet misti u l-ammont ta' sebgħin elf u ħames mija u sittax-il euro u tlettax-il ċenteżmu (€70,516.13) bħala ammonti tal-Lowcostbeds.com illi m'għandhomx jitħallsu mis-soċjetà esponenti kif spjegat u dan kif ser jiġi mfisser fid-dettall fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Fil-fatt is-soċjetà esponenti għandha tieħu mingħand is-soċjetà*

*rikorrenti bħala rifużjoni s-somma ta' tmint elef u seba' mija u sebgħa u għoxrin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€8,727.15) bħala ammont tal-kumpannija Lowcostbeds.com Limited li diġà tħallsu u għalhekk sal-aħħar ta' Ottubru 2016 is-somma dovuta lis-soċjetà rikorrenti, mingħajr preġudizzju, hija ta' erbgħa u tletin elf, tmien mija u tlieta u erbgħin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€34,843.65) kif fuq imsemmi (ara rendikont hawn anness bħala 'Dok. E1');*

8. *Illi oltre dan jidher illi s-soċjetà rikorrenti minn jeddha qiegħda tippretendi illi s-soċjetà esponenti tħallas l-ammont mitlub qabel ma jingħalqu l-kontijiet kollha tal-partijiet b'mod definit u qabel ma jiġu aġġustati diversi diskrepanzi u nuqqasijiet fl-istatements tas-soċjetà rikorrenti anness mar-rikors ġuramentat tagħha;*

9. *Illi inoltre, ai termini tal-Artikolu 158 (3)(ċ) tal-Kap. 12, minn issa qed jiġi dikjarat illi fid-dawl tas-suespost, il-fatti dikjarati mir-rikorrenti huma kontestati u jeħtieġ għalhekk illi jiġu ppruvati fl-intier tagħhom.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta' April, 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakoltà li jippreżentaw s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub, u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Is-soċjetà attriċi permezz tal-azzjoni odjerna qiegħda tippretendi l-ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta għal servizzi ta' akkomodazzjoni turistika fil-lukanda San Antonio, San Pawl il-Baħar reżi mis-soċjetà attriċi fir-rigward ta'

klijenti tas-soċjetà konvenuta, liema ħlas fiż-żmien meta saret il-kawża kien likwidat fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf, seba' mija u wieħed u tletin Euro u għaxar ċenteżmi (€23,731.10), għalkemm meta ngħalqu l-kotba bejn il-partijiet għall-perijodu li spiċċa f'Ottubru, 2016, ġie ppreċiżat li l-bilanċ dovut mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi kien ta' sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u ħamsin Euro u disgħin ċenteżmu (€27,850.90). Is-soċjetà attriċi tgħid li minkejja li interpellat lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas ta' dak dovut minnha diversi drabi, din baqgħet inadempjenti.

Fir-risposta tagħha s-soċjetà konvenuta kkontestat l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi billi mhux dovut, u qalet li sa fejn ir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet fil-kawża hija bbażata fuq prinċipji ta' kont kurrenti, l-ammont dovut minnha lis-soċjetà attriċi jibqa' wieħed fluwidu u inċert. Is-soċjetà konvenuta qalet li fost il-pretensjonijiet għall-ħlas da parti tas-soċjetà attriċi hemm ħlasijiet dovuti lilha minn kumpannija estera Lowcostbeds.com Limited li falliet fis-Sajf tal-2016, u li m'għandhiex tkun is-soċjetà konvenuta li tintalab tagħmel tajjeb għall-ħlasijiet dovuta lis-soċjetà attriċi minn din il-kumpannija. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li din l-azzjoni da parti tas-soċjetà attriċi hija intempestiva minħabba li l-kawża nfetħet qabel ġie fi tmiemu l-istaġun tas-Sajf 2016 u konsegwenza ta' dan il-kontijiet bejn il-partijiet kienu għadhom ma ngħalqux u lanqas ma kienu laħqu ġew aġġustati jew indirizzati għadd ta' diskrepanzi li s-soċjetà konvenuta nnutat meta għamlet ir-rikonċiljazzjoni tal-kontijiet sabiex tivverifika kemm huma l-ammonti dovuti minnha.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors maħluf is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja tal-*istatement of account* fir-rigward tas-soċjetà konvenuta għall-perijodu bejn l-10 t'Awwissu, 2015, u d-29 ta' Settembru, 2016[2], kif ukoll kopja ta' *definite agreement for the marketing and use of tourist accomodation,* bir-rati tal-prezzijiet tal-kmamar maqbula bejn il-partijiet għall-perijodu bejn l-1 ta' Mejju, 2016 u l-31 ta' Ottubru, 2016.[3] Dan il-ftehim fih ukoll għadd ta' kundizzjonijiet li jirregolaw ir-relazzjoni bejn il-partijiet, fosthom il-kundizzjoni numru 17 li tispeċifika illi:

> *"Invoices raised by the Owner/Manager will be settled by the Tour Operator within 60 days of presentation."*

Is-soċjetà konvenuta flimkien mar-risposta maħlufa tagħha, ippreżentat *statements* dettaljati tagħha li jkopru diversi perijodi ta' żmien sal-aħħar ta' Ottubru 2016 minn fejn jirriżultaw diversi istanzi ta' nuqqas ta' qbil ma' dak pretiż mis-soċjetà attriċi[4]; kopja ta' *special offer definite agreement for the marketing and use of tourist accomodation*[5]*;* u kopji ta' *confirmation vouchers*[6] minn fejn tirriżulta klawsola li tgħid illi:

> *"By accepting this booking and/or the clients mentioned above the Hotelier, the Property Owner and/or their representative/s are confirming that responsibility for settlement of any or all dues for the above accomodation and/or service rests solely with the foreign Tour Operator and not with Edrichton Holidays Ltd."*

Is-soċjetà konvenuta ppreżentat ukoll dokumentazzjoni b'informazzjoni dwar il-falliment ta' Lowcostbeds.com Limited[7]; kopja ta' korrispondenza li

---

[2] *A fol.* 4 tal-proċess.
[3] *A fol.* 7 tal-proċess.
[4] *A fol.* 21 tal-proċess.
[5] *A fol.* 29 tal-proċess.
[6] *A fol.* 32 tal-proċess.
[7] *A fol.* 34 tal-proċess.

għaddiet bejn il-partijiet f'dan ir-rigward[8]; u kopja ta' korrispondenza bejn il-partijiet fir-rigward tal-mitt elf Euro (€100,000) li s-soċjetà konvenuta tgħid li kien hemm diżgwid dwarhom bejn il-partijiet minħabba li s-soċjetà attriċi allokathom fuq il-kont ta' lukanda oħra ġestita minnha.[9]

Ix-xhud **Arthur Gauci**, direttur tas-soċjetà attriċi Hotel San Antonio Limited, fl-*affidavit* tiegħu qal li l-imsemmija kumpannija tiġġestixxi l-lukanda db San Antonio Hotel & Spa li tinsab fi Triq it-Turisti, l-Qawra, li toffri akkomodazzjoni fuq bażi *all-inclusive* lill-klijenti tagħha. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta hija *tour operator* attiva fil-qasam tal-*incoming tourism* lejn pajjiżna. Qal li għal bosta snin is-soċjetà konvenuta kienet tavviċina lis-soċjetà attriċi sabiex isir ftehim bejniethom dwar ir-rati li bihom kellhom jinkrew il-kmamar tal-lukanda, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu offruti lit-turisti. Qal li dan il-ftehim kien isir darbtejn fis-sena, darba fir-rigward tax-xhur tas-Sajf, u darba fir-rigward tax-xhur tax-Xitwa, u dan minħabba l-varjazzjonijiet fir-rati minn staġun għal ieħor. Ix-xhud qal li tipikament is-soċjetà konvenuta kienet tagħmel għadd ta' *reservations* ta' kmamar fil-lukandi għan-nom ta' individwi partikolari skont ir-rati miftiehma bejn il-partijiet, u s-soċjetà attriċi kienet tieħu l-*bookings* skont dan il-ftehim. Is-servizz jiġi offrut billi t-turisti jippreżentaw irwieħhom fil-lukanda u jieħdu s-servizz skont il-*booking* li jkun sar. Kompla jgħid li dakinhar li jitlaq turist, toħroġ *invoice* mis-soċjetà attriċi li kienet tintbagħat lis-soċjetà konvenuta, u l-ftehim bejn il-partijiet kien jistipula li s-soċjetà konvenuta kellha terminu ta' sittin (60) ġurnata biex tħallas dak dovut minnha skont l-*invoice* li tkun intbagħtet. Qal ukoll li s-soċjetà konvenuta kienet tibbenefika minn skont ta' għaxra fil-mija (10%) f'każ

[8] *A fol.* 42 tal-proċess.
[9] *A fol.* 35 *et seq.* tal-proċess.

li l-klijenti tagħha jagħmlu *booking* sad-data stipulata fil-ftehim bejn il-partijiet, u dan l-*early bird/booking discount* jingħata biss jekk sad-data stipulata fil-ftehim jitħallas nofs il-valur tal-*booking.* Ix-xhud qal li għalkemm is-soċjetà konvenuta kienet tibbenefika minn dawn l-iskontijiet, il-ħlasijiet li kienu jsiru minnha kienu jintużaw biex jagħmlu tajjeb għad-diversi pendenzi li din kien ikollha mas-soċjetà attriċi. Ix-xhud kompla jgħid li s-soċjetà konvenuta ma kinitx tħallas dak dovut minnha kull meta kienet tintalab li tagħmel dan, iżda kienet tħallas b'mod sporadiku, u meta l-impjegati tas-soċjetà attriċi kienu jikkomunikaw mas-soċjetà konvenuta sabiex jaraw meta kienu ser isiru l-ħlasijiet dovuta, ir-risposta kienet tkun li min-naħa tas-soċjetà konvenuta kien hemm nuqqas ta' qbil mal-ammonti mitluba mis-soċjetà attriċi. Żied jgħid li kull meta s-soċjetà konvenuta kienet tintalab tispjega fiex ma kinitx qiegħda taqbel, qatt ma kienet tingħata tweġiba. Ix-xhud qal li fl-istaġun tax-Xitwa 2015-2016 is-soċjetà konvenuta ma baqgħetx tagħmel il-ħlasijiet dovuta minnha skont il-ftehim bejn il-partijiet, u f'dan ir-rigward kienet anki saret laqgħa ma' Louis Tabone li dak iż-żmien kien imexxi s-soċjetà konvenuta u kien intlaħaq qbil dwar *repayment schedule* ta' dak li kien dovut minnha dak iż-żmien. Kompla jgħid li s-soċjetà konvenuta ma żammitx ma' din ir-*repayment schedule* mija fil-mija, għalkemm it-total tal-bilanċ dovut eventwalment kien tnaqqas. Kompla jgħid li s-soċjetà attriċi hija assoċjata wkoll mal-lukanda db Seabank Hotel & Spa, u s-soċjetà konvenuta kellha arranġament identiku għal dak tas-San Antonio Hotel & Spa anki fir-rigward ta' db Seabank Hotel & Spa. Qal li s-soċjetà konvenuta kienet debitriċi ta' dawn iż-żewġ lukandi, u meta din kienet qiegħda tagħmel ħlasijiet skont ir-*repayment schedule,* din ma kinitx qiegħda tagħmel distinzjoni bejn lukanda u oħra. Kompla jgħid li kien għalhekk li kienet saret allokazzjoni interna bejn iż-

żewġ lukandi fejn il-kont tal-lukanda San Antonio kien ġie akkreditat b'mitt elf Euro (€100,000) mill-kumpannija li tmexxi d-db Seabank Hotel & Spa, billi kien ovvju li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda tħallas dak dovut minnha fir-rigward taż-żewġ lukandi. Ix-xhud spjega li fis-16 ta' Lulju, 2016, is-soċjetà konvenuta kienet infurmat lis-soċjetà attriċi li t-*tour operator* bl-isem Lowcostbeds.com Limited kien falla, u għalhekk kull *booking* li kien jirrigwarda lil dan l-operatur kellu jitqies li ġie kkanċellata b'effett minn dik id-data. Fir-rigward tat-turisti li kienu diġà fil-lukandi tas-soċjetà attriċi, is-soċjetà konvenuta kienet infurmathom illi hija kienet ser tħallas sad-data tal-15 ta' Lulju, 2016, u l-ħlasijiet dovuta wara d-data tas-16 ta' Lulju, 2016 kellhom isiru mill-klijenti direttament. Ix-xhud qal ukoll li s-soċjetà konvenuta ma kinitx l-unika kumpannija li kellha ftehim mas-soċjetà attriċi u mal-kumpannija li falliet, u l-*local handling agents* l-oħra kienu ħallsu dak dovut minnhom skont il-ftehim li kellhom mas-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal li minkejja li saru diversi tentattivi ta' komunikazzjoni mas-soċjetà konvenuta dwar dan, din baqgħet ma tat l-ebda risposta, u waqqfet ukoll il-pagamenti skont il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet. Qal li minħabba li kien hemm diversi operaturi Maltin li kienu qegħdin jiffaċċjaw din is-sitwazzjoni, huma kienu ngħaqdu taħt il-Malta Hotels and Restaurants Association (MHRA) sabiex tittieħed azzjoni kollettiva fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, u f'dan ir-rigward kienet intbagħtet ukoll ittra uffiċjali. Ix-xhud qal li minkejja dan, is-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti. Kien għalhekk li s-soċjetà attriċi fetħet dawn il-proċeduri sabiex tassigura li tiġbor il-flejjes dovuti lilha. Ix-xhud qal ukoll li mhux minnu li s-soċjetà attriċi kellha xi arranġamenti ma' kumpanniji barranin sabiex titħallas mingħandhom, u qal li l-ħlasijiet dovuta dejjem saru mis-soċjetà konvenuta. Qal li l-ftehim bejn il-partijiet kien tat-tip *occupancy and allocation*

*agreement,* u dan il-ftehim kien dwar rati għal kmamar li jiġu ffissati għal perijodu speċifiku, u r-*reservations* kienu jsiru skont dan il-ftehim. Ix-xhud qal li minħabba n-nuqqas ta' ħlas mis-soċjetà konvenuta, ma kien ġie ffirmat ebda ftehim ieħor bejn il-partijiet fil-kawża, u l-aħħar ftehim li kien hemm skada fil-31 ta' Ottubru, 2016. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li din il-kawża saret sabiex jinġabru arretrati għal akkomodazzjoni u servizzi li ġew ipprovduti, u *reservations* li kienu saru u li ġew ikkanċellati wara s-16 ta' Lulju 2016 ma ġewx inklużi fl-ammont pretiż. Ix-xhud qal li l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi fis-somma ta' €23,731.10 għadu dovut. Ix-xhud ippreżenta kopja ta' diversi ftehim li l-partijiet kellhom bejniethom, hekk imsejħa *'definite agreement for the marketing and use of tourist accomodation',*[10] bil-kundizzjonijiet li jirregolaw dan il-ftehim, flimkien ma' kopja tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Ottubru, 2016, li l-operaturi ta' diversi lukandi kienu bagħtu lis-soċjetà konvenuta b'rabta ma' ħlasijiet dovuta minnha.[11]

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Marzu, 2017 xehed **Louis Tabone** in subizzjoni[12], li b'riferiment għall-*agreements* esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, qal li dawn kienu jsiru abbażi tal-prezzijiet li bihom il-lukanda tkun trid li tbiegħ il-kmamar tagħha. Huwa qal li s-soċjetà konvenuta kienet tipprepara dawn il-*marketing and use agreements* wara li tingħata l-informazzjoni neċessarja mis-soċjetà attriċi partikolarment fir-rigward tal-prezzijiet iffissati għall-bejgħ tal-kmamar. Ix-xhud qal li ċ-ċekkijiet bil-pagamenti kienu jinħarġu minn Edrichton Finance Limited.

[10] *A fol.* 88 *et seq* tal-proċess.
[11] *A fol.* 94 tal-proċess.
[12] *A fol.* 96 tal-proċess.

Ix-xhud **John Messina**, *sales and marketing manager* mal-kumpannija Hotel San Antonio Limited[13], fl-*affidavit* tiegħu qal li bħala parti mix-xogħol tiegħu jieħu ħsieb l-arranġamenti bejn il-lukanda u l-operaturi turistiċi. Qal li l-lukanda kienet tagħmel ftehim ma' diversi operaturi kull staġun sabiex tbiegħ il-kmamar u s-servizzi l-oħra tal-lukanda, u dawn it-tip ta' arranġamenti kienu jiġu miftiehma minn staġun għal ieħor. Qal li s-soċjetà konvenuta kienet titlob ir-rati għall-istaġun li jkun jmiss sabiex tkun tista' tħejji l-ftehim bil-miktub, liema ftehim kien jiġi ffirmat mix-xhud għan-nom tas-soċjetà attriċi, filwaqt li għas-soċjetà konvenuta kien jiffirma Louis Tabone bħala *managing director.* Qal li apparti li kienu jiġu ffissati r-rati għall-kmamar u għas-servizzi l-oħra, kienu jiġu proposti offerti magħrufa bħala '*early bird discounts'* li permezz tagħhom operatur ikun jista' jibbukkja għadd ta' kmamar sa ġurnata partikolari bi prezz ridott b'10%, bil-kundizzjoni li l-operatur iħallas nofs l-ammont dovut għal dawk il-*bookings* sa ħmistax wara li jkun informa lis-soċjetà attriċi li ser ikun qiegħed jieħu vantaġġ minn dak l-iskont. Ix-xhud kompla jispjega li wara li kien jiġi ffirmat il-ftehim bejn il-partijiet, is-soċjetà konvenuta kienet tibgħat ir-*reservation vouchers* bl-ismijiet tal-persuni li jkunu għamlu l-*bookings,* bid-dati li fihom dawn ikunu ser jaslu Malta għall-btala, u t-tip ta' servizz li jkunu jeħtieġu. Ix-xhud qal li l-kont għall-*bookings* jinħareġ u jintbagħat lis-soċjetà konvenuta l-għada li l-klijent ikun telaq mil-lukanda, skont il-ftehim li l-partijiet kellhom bejniethom. Ix-xhud kompla jispjega kif sal-aħħar tas-sena 2015, is-soċjetà konvenuta kienet waqgħet lura sew fil-ħlasijiet tagħha, u qal li kien jirċievi komunikazzjoni kontinwa mid-dipartiment tal-finanzi tas-soċjetà attriċi sabiex jaraw jekk kellux xi informazzjoni dwar il-ħlasijiet dovuta. Ix-xhud qal li kien hemm istanzi fejn ċempel lil Louis Tabone

[13] *A fol.* 100 tal-proċess.

hu personalment u talbu jagħmel il-ħlasijiet dovuta. Kompla jispjega li l-lukandi Seabank u San Antonio jiffurmaw parti mid-db Group, u t-tnejn li huma kellhom l-istess diffikultajiet biex jitħallsu mingħand is-soċjetà konvenuta, sakemm eventwalment il-kwistjoni għaddiet f'idejn is-CEO tas-soċjetà attriċi u kien intlaħaq ftehim dwar *repayment schedule* mas-soċjetà konvenuta. Qal li minkejja li s-soċjetà konvenuta bdiet tagħmel diversi ħlasijiet, madanakollu din ma kinitx qiegħda tosserva r-*repayment schedule* miftiehma bejn il-partijiet, u eventwalment is-soċjetà konvenuta saħansitra kienet ġiet infurmata li l-*bookings* li kienu saru minnha ma kinux ser jiġu onorati jekk ma jsirux il-pagamenti kif miftiehma, u kienu anki ntalbu jħallsu l-kontijiet tat-turisti li kienu waslu biex jibdew il-btala tagħhom b'mod imminenti, għaliex altrimenti s-soċjetà attriċi ma kinitx ser taċċettahom fil-lukandi tagħha. Ix-xhud qal li minkejja li dawn il-ħlasijiet bdew isiru kif mitlub, l-arretrati dovuta mis-soċjetà konvenuta tħallew jakkumulaw. Qal li fis-16 ta' Lulju, 2016, is-soċjetà attriċi kienet ġiet infurmata bil-falliment tal-Lowcost Travel Group, u Louis Tabone, għan-nom tas-soċjetà konvenuta kien infurmah illi s-soċjetà konvenuta kienet ser tonora biss il-*bookings* li saru sal-15 ta' Lulju, 2016, u l-*bookings* l-oħra kollha li saru f'isem Lowcost Travel Group għas-sajf kollu kellhom jiġu kkanċellati. Ix-xhud ġie infurmat ukoll li fir-rigward tal-klijenti li kienu diġà jinsabu fil-lukandi tas-soċjetà attriċi u li kienu bbukkjaw mal-Lowcost Travel Group, is-soċjetà attriċi kellha tiġbor il-flus direttament mingħand il-klijenti għas-servizzi li dawn kienu ser jieħdu mid-data tas-16 ta' Lulju, 2016 'l quddiem. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-korrispondenza kollha li għaddiet bejn il-partijiet f'dan ir-rigward.[14]

[14] *A fol.* 103 *et seq.* tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Mejju, 2017 xehed **Andrei Attard**, *financial controller* tas-soċjetà attriċi[15], li qal li mid-data minn meta inbdew dawn il-proċeduri, l-ammont ċert u dovut mis-soċjetà konvenuta tela' għal sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u ħamsin Euro u disgħin ċenteżmu (€27,850.90), u r-raġuni għal din iż-żieda fl-ammont dovut hija minħabba li meta nfetħet il-kawża kien għad hemm għadd ta' klijenti li kienu għadhom ma telqux mil-lukanda tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud spjega li l-kontijiet relattivi kienu jinħarġu l-għada li l-klijent jitlaq mil-lukanda.

L-istess xhud Andrei Attard ippreżenta wkoll *affidavit*[16] fejn qal li s-soċjetà konvenuta kienet ilha tuża s-servizzi tas-soċjetà attriċi mis-sena 2009, u bejniethom il-partijiet kellhom arranġament sabiex is-soċjetà attriċi tipprovdi servizzi ta' akkomodazzjoni lill-klijenti tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li huwa kien involut fil-ħruġ tal-*invoices* li kienu jintbagħtu lis-soċjetà konvenuta minn żmien għal żmien, u qal ukoll li l-ħlasijiet da parti tas-soċjetà konvenuta kienu jsiru dejjem minn Edrichton Finance Limited. Ix-xhud spjega li skont l-arranġament bejn il-kumpanniji, is-soċjetà konvenuta kienet tibgħat *reservation voucher* lis-soċjetà attriċi bl-ismijiet tal-persuni li jkunu xtraw l-akkomodazzjoni u bid-dati meta dawn kienu ser ikunu alloġġjati fil-lukandi tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud spjega li l-*invoices* relattivi jintbagħtu l-għada li l-klijenti jitilqu mil-lukandi. Huwa kompla jgħid li s-soċjetà konvenuta qatt ma kienet tħallas fil-pront, u ħafna drabi l-impjegati tas-soċjetà attriċi kien ikollhom jiġru wara l-flejjes dovuta lilha, għalkemm żied jgħid ukoll li eventwalment il-ħlasijiet dovuta kienu jsiru. Ix-xhud qal li lejn l-aħħar tas-sena 2015, is-soċjetà konvenuta bdiet tkun aktar diffiċli biex tagħmel il-pagamenti

[15] *A fol.* 134 tal-proċess.
[16] *A fol.* 136 tal-proċess.

dovuta minnha, u in vista ta' dan is-soċjetà attriċi kienet infurmatha li ma kinux ser jiġu aċċettati aktar *bookings* mingħandha. Qal li minħabba f'hekk is-soċjetà konvenuta bdiet tħallas bil-quddiem għall-*bookings* tal-klijenti tagħha, għalkemm baqgħet ma ħallsitx għall-arretrati li kienu dovuti minnha. Ix-xhud qal li hu kien tkellem mas-CEO tas-soċjetà attriċi dwar din is-sitwazzjoni, partikolarment minħabba li ż-żewġ lukandi tad-db Group, is-Seabank u s-San Antonio, it-tnejn kellhom l-istess tip ta' arranġament mas-soċjetà konvenuta, u t-tnejn li huma kellhom jieħdu ammonti ta' flus konsiderevoli mingħandha. Kompla jgħid li kien intlaħaq ftehim u ġiet iffirmata *repayment schedule,* u b'hekk bdew jiġu mħallsa xi arretrati dovuta mis-soċjetà konvenuta, għalkemm anki b'din is-sistema, is-soċjetà konvenuta xorta waħda bdiet taqa' lura fil-ħlasijiet. Żied jgħid li f'punt minnhom is-soċjetà konvenuta bdiet tibgħat ħlasijiet lis-soċjetà attriċi mingħajr ma tispeċifika dawn ħlasijiet ta' xiex kienu, u kien ġie deċiż mis-soċjetà attriċi li jiġu akkreditati mitt elf Euro (€100,000) sabiex jinqata' parti mill-kont dovut lis-soċjetà attriċi fir-rigward ta' waħda mil-lukandi fil-grupp tagħha. Ix-xhud qal li meta s-soċjetà attriċi saret taf bil-falliment tal-Lowcost Travel Group, is-soċjetà konvenuta kienet diġà infurmathom li hija kienet disposta tħallas l-akkomodazzjoni ta' dawk il-klijenti li kienu diġà fil-lukandi tas-soċjetà attriċi sad-data tal-15 ta' Lulju, 2016 biss. Qal li s-soċjetà attriċi kellha bżonn informazzjoni dwar min kienu l-klijenti li kienu xtraw akkomodazzjoni permezz tal-kumpannija Lowcostbeds.com Limited, u dawn ġew avviċinati mill-impjegati tas-soċjetà attriċi sabiex jerġgħu jħallsu għall-akkomodazzjoni tagħhom fil-lukanda Hotel San Antonio b'effett mis-16 ta' Lulju, 2016 'il quddiem. Ix-xhud qal li t-tranżazzjonijiet dejjem saru mas-soċjetà konvenuta, u qatt ma kien hemm xi *tour operator* ieħor involut. Żied jgħid li s-soċjetà konvenuta dejjem ġabret il-flus dovuta lilha mingħand il-

klijenti tagħha qabel dawn jibdew il-vaganza tagħhom f'Malta. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta ma kinitx l-unika kumpannija f'Malta li kienet tagħmel *bookings* tal-Lowcost Travel Group, u l-kumpannija l-oħra kienet ħallset dak kollu dovut minnha lis-soċjetà attriċi wara l-falliment tal-Lowcost Travel Group. Ix-xhud qal li l-ammont totali dovut mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi jammonta għal sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u ħamsin Euro u disgħin ċenteżmu (€27,850.90), u l-ammont dovut żdied wara li nfetħet il-kawża minħabba li kien hemm klijenti tas-soċjetà konvenuta li kienu għadhom fil-lukanda tas-soċjetà attriċi wara li nfetħet il-kawża, u l-*invoices* fir-rigward tagħhom inħarġu wara li nfetħu dawn il-proċeduri. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja ta' korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet fir-rigward tal-flejjes dovuta lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta.[17]

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Mejju, 2017, xehed **Vincent Degiorgio**, direttur tas-soċjetà attriċi[18], li qal li r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet f'din il-kawża kienet bdiet fis-sena 2009. Qal li l-arranġament kien li s-soċjetà konvenuta kienet tibgħat klijenti fil-lukanda tas-soċjetà attriċi, dawn kienu jingħataw is-servizzi, u wara s-soċjetà attriċi tibgħat l-*invoices* lis-soċjetà konvenuta sabiex tiġbor il-ħlasijiet dovuti lilha. Qal li bejn il-partijiet kienu jiġu ffirmati żewġ *agreements* f'sena, wieħed biex ikopri l-istaġun tas-sajf u l-ieħor biex ikopri l-istaġun tax-xitwa. Ix-xhud qal li lejn l-aħħar tas-sena 2015 u l-bidu tal-2016 bdew jinqalgħu xi diffikultajiet fir-rigward tal-ġbir ta' ħlasijiet dovuta lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta, u minkejja li kienu ftiehmu dwar ħlas fuq perijodu ta' żmien, dawn il-ħlasijiet ma ġewx onorati lanqas. Ix-xhud qal li meta falliet il-kumpannija Lowcost travel.com, kien hemm operatur ieħor tal-

[17] *A fol.* 139 *et seq.* tal-proċess.
[18] *A fol.* 188 tal-proċess.

ivvjaġġar li kellu għadd ta' *bookings* f'isem din il-kumpannija, li kien ħallas dak kollu dovut minnu lis-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal li hu ma kienx involut personalment fid-diskussjonijiet li saru mas-soċjetà konvenuta, u dawn id-diskussjonijiet kienu tmexxew mis-CEO tas-soċjetà attriċi Arthur Gauci.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2017 xehed **Louis Tabone**[19], li qal li hu fundatur, direttur u azzjonista tas-soċjetà konvenuta, li kienet iffurmata fl-1975. Qal li din il-kumpannija ma toperax bħala aġent iżda bħala *destination management company,* u qabel kull staġun huma kien ikollhom taħdidiet mal-lukandiera, u jitolbuhom ir-rati għaż-żewġ staġuni li jmiss, dak tax-xitwa u dak tas-sajf, sabiex jaqblu dwar ir-rati li tkun ser jitpoġġew għall-bejgħ. Ix-xhud qal li wara li s-soċjetà konvenuta tingħata dawn ir-rati, hija tidħol responsabbli biex tbiegħ l-akkomodazzjoni direttament. Ix-xhud esebixxa dokument bil-lista tal-*bookings* kollha li s-soċjetà konvenuta għamlet fil-lukanda San Antonio bejn is-sena 2009 u 2016[20], flimkien ma' għadd ta' *confirmation vouchers* bil-*bookings* li saru.[21] Ix-xhud qal li fil-15 ta' Lulju, 2016, is-soċjetà konvenuta kienet ġiet mgħarrfa li waħda mill-operaturi li kienet tibgħat il-*bookings* falliet f'daqqa waħda, u huma min-naħa tagħhom kienu infurmaw b'dan lil-lukandi kollha li kienu jaħdmu magħhom. Qal li s-soċjetà attriċi kienet waħda mill-ftit li insistiet li l-*bookings* li kienu saru permezz tas-soċjetà konvenuta kellhom jiġu onorati. Qal li dak iż-żmien is-soċjetà konvenuta kienet diġà ħallset somom kbar ta' flus bil-quddiem biex tieħu vantaġġ minn prezzijiet skontati li kienu ġew offruti lilha. Ix-xhud ikkonferma li l-ftehim li l-partijiet kellhom bejniethom kien jistipula li l-kontijiet da parti tas-soċjetà konvenuta għandhom jitħallsu fi żmien sittin (60) ġurnata minn meta jintbagħat il-kont.

---

[19] *A fol.* 192 tal-proċess.

[20] *A fol.* 197 *et seq.* tal-proċess.

[21] *A fol.* 260 *et seq.* tal-proċess.

Waqt l-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2017 xehdet **Denise Ellul**, *accounts manager* tas-soċjetà konvenuta[22], li qalet li fir-rwol tagħha hija tieħu ħsieb li toħroġ il-pagamenti lil-lukandi, tagħmel rikonċiljazzjonijiet tal-ħlasijiet, u tieħu ħsieb affarijiet simili. Ix-xhud qalet li l-prodott jitpoġġa għall-bejgħ ma' diversi *tour operators* li jieħdu l-*bookings* bir-rati skont il-ftehim viġenti bejn il-partijiet. Ix-xhud qalet li hemm tliet metodi differenti kif isiru l-pagamenti, fosthom *payment on account* li jsir billi jgħaddi ċekk mingħajr *remittance,* u dak il-pagament jiġi allokat aktar tard; metodu ieħor li jinvolvi *early booking discount,* li fir-rigward tiegħu jrid isir ħlas ta' ħamsin fil-mija (50%) tat-total tal-vaganza sabiex l-operatur ikun jista' jibbenefika minn skont ta' għaxra fil-mija (10%) fuq il-prezz; u metodu ieħor li jinvolvi ħlas għall-kmamar wara li s-soċjetà konvenuta tkun ġabret hi l-flejjes mingħand it-*tour operators.* Ix-xhud qalet li meta jingħalqu l-kontijiet isiru r-*reconciliations* minħabba li s-sena finanzjarja tas-soċjetà konvenuta tagħlaq mal-kuntratt, fl-aħħar ta' Ottubru. Ix-xhud qalet li meta nfetħu dawn il-proċeduri kien hemm problema minħabba li l-kawża nfetħet qabel għalaq il-kuntratt, u għalhekk ir-*reconciliation* kienet għadha ma saritx. B'riferiment għad-dokument esebit *a fol.* 21 sa *fol.* 28 tal-proċess, ix-xhud qalet li dak hu *reconciliation* tal-*account* li fuqu hija kienet kitbet dak li ma taqbilx li għandu jitħallas mis-soċjetà konvenuta. B'riferiment għall-ħlas ta' mitt elf Euro (€100,000) li ġew allokati minn kont ta' lukanda għall-kont ta' lukanda oħra fl-istess grupp, mis-San Antonio għas-Seabank, it-tnejn formanti parti mill-grupp db, ix-xhud qalet li:

> "Il-mitt elf Euro jien indunajt qabel f'*October* għax San Antonio bagħtulna *statement* u nara pagament ta' mitt elf dritt u jien minħabba li nagħmel il-pagamenti jiena, naf li m'għamiltx pagament ta' mitt elf lil San Antonio. Għall-ewwel rajtha stramba, imbagħad indunajt li s-Seabank, għax is-Seabank konna

[22] *A fol.* 383 tal-proċess.

> nħallsu, dan kien parti mill-*early booking deposit.* Mort fuq l-*statement* tas-Seabank u nsib *transaction* ta' mitt elf anqas f'tas-Seabank. Mela l-mitt elf li ħallasna lis-Seabank tawh lis-San Antonio. Ma nafx kif jiġifieri għax iċ-*cheque* kien jgħajjat lis-Seabank u b'karta miegħu li huwa pagament għall-*early booking discount* tas-Seabank, iġifieri konna ċari ħafna."

Ix-xhud qalet li ċ-ċekk mis-soċjetà konvenuta kien inħareġ lis-Seabank[23], flimkien ma' lista ta' pagamenti fir-rigward tal-*early booking deposits* għal-lukanda Seabank. Ix-xhud kompliet tgħid li meta għamlet ir-rikonċiljazzjoni tagħha[24], hija kienet sabet li kien hemm numru ta' *invoices* li kienu diġà tħallsu, filwaqt li kien hemm numru ta' *invoices* li ma kienx hemm qbil mal-ammont li s-soċjetà attriċi kienet qiegħda tindika li kellu jitħallas.[25] Ix-xhud żiedet tgħid li s-soċjetà konvenuta kienet ħallset lis-soċjetà attriċi ammonti li l-kumpannija Lowcost Travel.com ma kinitx ħallset, u hi kienet qiegħda titlob *refund* ta' dawn l-ammonti.[26] Ix-xhud qalet li meta nfetħu dawn il-proċeduri, il-kont kurrenti bejn il-partijiet kien għadu miftuħ, u din ir-rikonċiljazzjoni bejniethom kienet għadha ma saritx. B'riferiment għall-falliment ta' Lowcost Travel.com, ix-xhud qalet li din kienet kumpannija kbira, u s-soċjetà konvenuta ma kellha ebda ħjiel li din kienet ser tieqaf topera. Ix-xhud qalet li kienet taf li waħda mill-kundizzjonijiet li tirregola l-ftehim bejn il-partijiet kienet tistipula li l-ħlas da parti tas-soċjetà konvenuta jrid isir fi żmien sittin ġurnata minn meta tintbagħat l-*invoice* mis-soċjetà attriċi, u hi min-naħa tagħha kienet teffettwa l-ħlasijiet dovuti lis-soċjetà attriċi anki qabel l-iskadenza tas-sittin ġurnata. Ix-xhud ikkonfermat li fis-sena 2015 is-soċjetà

[23] Kopja taċ-ċekk esebita a *fol.* 398 tal-proċess.

[24] Skont id-dokument esebit *a fol.* 399 *et seq* tal-proċess.

[25] Fi kliem ix-xhud: "apparti hekk sibt ukoll li kellna *bookings* li ma qbilniex mal-ammont tal-*invoice* tagħhom. Raġunijiet jistgħu jkunu varji, per eżempju jista' jkun li bbilljawniex u huma daħħluh bħala tlieta kbra u aħna nkunu bagħatnielhom tnejn kbar u tifel jew jista' jkun li DB m'applikawx id-*discount* u aħna nkunu ħallasna d-*deposit* u jridu jtuna d-*discount.* Hemm ħafna raġunijiet u meta jiġri hekk, aħna meta jkunu qed idaħħlu l-*invoices* it-tfajliet, nipproduċu aħna ngħidulu *adjustment* tal-*billing* tagħna. Dan jintbagħat lil-lukanda kull darba li jkunu qed idaħħlu l-*invoices* u jkollhom dawn l-*adjustments* u nibagħtulhom kopja tagħhom ukoll."

[26] Kopja ta' dokument *a fol.* 437 tal-proċess.

konvenuta kienet waqgħet lura fil-ħlasijiet, u kien intlaħaq ftehim bejn il-partijiet fejn is-soċjetà konvenuta obbligat ruħha li tagħmel ħlasijiet b'mod regolari favur is-soċjetà attriċi.

L-istess xhud kompliet tagħti d-depożizzjoni tagħha fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2017[27], fejn qalet li bejn il-partijiet fil-kawża qatt ma kien hemm ftehim bil-miktub fir-rigward tal-ħlasijiet perjodiċi li riedu jsiru mis-soċjetà konvenuta. Qalet li bejn il-partijiet kien hemm biss *email* li telenka dak li qablu dwaru l-partijiet, u ma kien hemm l-ebda skrittura bil-firem tal-partijiet involuti.

Waqt l-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2018 sar il-kontroeżami tax-xhud **André Attard**[28], li qal li ilu jaħdem fl-*accounts department* tas-soċjetà attriċi għal aktar minn sittax-il sena, u kemm ilu li laħaq *financial controller,* hu jieħu ħsieb kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-*accounts* tal-lukanda, kif jintalab mid-diretturi tal-kumpannija. Qal li da parti tas-soċjetà attriċi kemm-il darba kien hemm komunikazzjoni mas-soċjetà kovenuta sabiex din ma tagħmilx ħlasijiet akkont, u qal ukoll li l-uniku ħlas li kien jiġi aċċettat mis-soċjetà attriċi kien *payment* bir-*remittance advice* sabiex il-pagament li jsir ikun jista' jiġi allokat mal-*inovices* li jkunu nħarġu mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal li fil-bidu tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, il-ħlasijiet kienu jsiru bir-*remittance advice* magħhom, u sussegwentement meta kien sar ftehim bejn il-partijiet sabiex il-ħlasijiet jibdew isiru perjodikament, is-soċjetà konvenuta kienet bdiet tagħmel ħlasijiet mingħajr *remittance.* Is-soċjetà attriċi kienet taċċetta dawn il-ħlasijiet bħala *payment on account,* għalkemm l-esponenti tas-soċjetà konvenuta kienu jintalbu jibagħtu r-*remittance advice* fir-rigward ta' dawn il-

[27] *A fol.* 445 tal-proċess.
[28] *A fol.* 448 tal-proċess.

ħlasijiet. Ix-xhud spjega li kienu jsiru żewġ tipi ta' pagamenti - l-ewwel kien isir pagament tal-*early booking deposit* fejn is-soċjetà konvenuta kienet tħallas 50% għall-*bookings* li jkunu ġejjin fil-perijodu li jmiss, jiġifieri fix-xitwa jsir il-ħlas għas-sajf, u fis-sajf isir il-ħlas għax-xitwa. Qal li dak il-ħlas kien jiġi allokat bħala *payment on account.* Żied jgħid li kien hemm metodu ta' ħlas ieħor li fejn il-klijent ikun ġie Malta u wara li jitlaq mil-lukanda tas-soċjetà attriċi, toħroġ *invoice* li tintbagħat lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas. Qal ukoll li s-soċjetà konvenuta kellha terminu ta' sittin ġurnata sabiex tħallas dak dovut minnha, għalkemm dan it-terminu ma kienx jinżamm minnha. Ix-xhud spjega li l-ħlas ta' ħamsin fil-mija (50%) li jsir mal-*early booking deposit,* ma jiġix allokat, minħabba li l-*invoice* tkun għadha ma ħarġitx min-naħa tas-soċjetà attriċi. Qal li wara li toħroġ l-*invoice,* is-soċjetà konvenuta tkun obbligata li tħallas il-ħamsin fil-mija (50%) l-oħra tal-kont, flimkien mar-*remittance advice,* sabiex is-soċjetà attriċi tkun taf dawk il-flus għal xiex ser jiġu allokati. Ix-xhud qal li *statements* da parti tas-soċjetà attriċi jintbagħtu kull xahar, u hekk kif isir pagament mingħand id-debitur, dan jiġi allokat u jintbagħat *statement* ieħor lill-klijent bil-bilanċ li jkun għad irid jitħallas. Żied jgħid li waħda mill-problemi ewlenin mas-soċjetà konvenuta kienet li meta bdew isiru *payments on account* dawn ma setgħux jiġu allokati. Qal li r-rikonċiljazzjoni da parti tas-soċjetà attriċi ssir meta din tirċievi pagament, tallokah, u tibgħat *email* lill-klijent u tgħidlu kemm fadallu jħallas. Ix-xhud qal li meta faqqgħet il-problema tal-Lowcost Travel.com, is-soċjetà konvenuta ma kinitx infurmathom dwar kif kellhom jimxu, partikolarment minħabba li f'dak l-istadju l-klijenti barranin kienu diġà ħallsu dak dovut għall-vaganza lis-soċjetà konvenuta. Qal li l-klijent ikollu *reservation voucher* li jiġi ppreżentat fir-*reception* tal-lukanda mal-wasla

tiegħu f'Malta. B'riferiment għall-falliment tal-kumpannija lowcost travel.com, ix-xhud qal:

> "F'dak l-istadju meta falliet il-Low Cost l-inqas ħaġa li nistenna li *at least* Edrichton jinfurmana li hemm problema li mhux aħna ħa nsibu *guest* ma' wiċċna li dawn mhux ħa nitħallsu tagħhom. Infurmajna lil Edrichton aħna, għidnielu, "ġara hekk, hekk u hekk u mill-aħbarijiet ħarġu l-affarijiet." Qalilna "iva jien mhux ħa nkopri l-istay tagħhom", jiġifieri hu kien qed iħalli vakum u konna ħa nirċievu klijenti fil-lukanda, nagħtuhom is-servizz u ma nitħallsux għax hu ma kienx lest li jkopri dik l-i*stay."*

Ix-xhud żied jgħid li meta klijent jippreżenta ruħu fir-*reception* tal-lukanda b'*reservations voucher,* dik tirrappreżenta garanzija li s-sid tal-lukanda ser jitħallas. Qal li meta l-klijenti li kellhom jaslu permezz ta' *booking* li saret mal-Low Cost Travel.com, dawn kienu ġew infurmati li l-aġent tagħhom ma kienx f'pożizzjoni li jħallas għas-servizz tal-lukanda. Imma kien hemm klijenti li xorta waħda ġew għall-btala f'Malta, u kien hemm oħrajn li kkanċellaw. B'riferiment għall-*early booking discounts,* ix-xhud qal li l-vantaġġ ta' 10% skont tieħdu l-lukanda u jibbenefikaw minnu wkoll it-*tour operators.* Spjega li l-lukanda tkun qiegħda ddaħħal ammont ta' flus bil-quddiem, filwaqt li t-*tour operator* ikun qiegħed jieħu perċentwal ta' 10% fuq kull vaganza li jibbukkja, liema perċentwal jiżdied mal-profitti tiegħu. Żied jgħid li l-*invoice* toħroġ wara li l-klijent ikun telaq mil-lukanda, u min-naħa tas-soċjetà konvenuta kien isir pagament bir-*remittance advice.* Qal li waħda mill-problemi ewlenin kienet li s-soċjetà konvenuta ma baqgħetx tibgħat *remittances* mal-pagamenti l-kbar li kienet tagħmel.

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2018, tkompla l-kontroeżami tax-xhud **André Attard**[29], li qal li s-soċjetà attriċi kienet irċeviet lista tal-*early booking*

[29] *A fol.* 469 tal-proċess.

*discounts,* iżda ma kinitx irċeviet pagament fir-rigward tal-lista tas-sajf tal-2016. Ix-xhud qal li fis-16 ta' Lulju, 2016 Louis Tabone għan-nom tas-soċjetà konvenuta kien bagħat *email* lis-soċjetà attriċi fejn infurmaha li s-soċjetà Low Cost Travel Group kienet waqfet topera. Testwalment din l-*email* kienet tgħid[30]:

> "*Please note that the Low Cost Travel Group has seized* (sic) *trading as of 16th July 2016. You are to consider all low cost booking placed at your hotel as cancelled from this date. The cancellations for all the future bookings as well as the cancellation of the remaining part of this day of those clients who are still in-house will be sent to you shortly. For clients in-house, you are to collect money directly from the clients for the remaining part of this day from today onwards.*"

Ix-xhud qal li kien hemm numru ta' klijenti li hekk kif ġew infurmati li l-pagament tagħhom ma kienx ser jiġi onorat mis-soċjetà konvenuta, u li huma kellhom iħallsu lil-lukanda b'mod dirett, kienu kkanċellaw il-vaganza tagħhom f'Malta. Żied jgħid li dawk li laħqu ġew, kienu ħallsu *cash.* Żied jgħid li fir-rigward ta' dawn il-klijenti, il-lukanda lanqas id-depożitu tal-*early booking discount* ma kienet irċeviet.

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2018, sar il-kontroeżami tax-xhud **John Messina**[31], li qal li l-operaturi kienu jbigħu l-kmamar għan-nom tal-lukanda, u talli jagħmlu dan kienu jieħdu kummissjoni. Ix-xhud qal li bħala eżempju, fil-każ tas-soċjetà konvenuta, din kienet tieħu kummissjoni wara li tħallas il-pagamenti dovuta lis-soċjetà attriċi. Ix-xhud ippreċiża li meta s-soċjetà attriċi ġiet mgħarrfa bil-falliment tas-soċjetà Low Cost Travel Group, kienet intalbet lista ta' klijenti li kienu bbukkjaw permezz ta' din il-kumpannija fir-rigward biss ta' dawk it-turisti li kienu għadhom ma waslux fil-lukanda, minħabba li r-

[30] *A fol.* 477 tal-proċess.
[31] *A fol.* 485 tal-proċess.

*reservation voucher* jindika jekk klijent ikunx ibbukkja permezz tal-Low Cost Travel Group jew le. Qal li meta ġew mgħarrfa mis-soċjetà konvenuta li din ma kinitx lesta li tkopri l-ispejjeż tal-klijenti li kienu fil-lukanda tas-soċjetà attriċi wara s-16 ta' Lulju 2016, bħala lukanda huma kienu infurmaw lit-turisti li kienu diġà alloġġati fil-lukanda li kellhom iħallsu huma minn dik id-data 'l quddiem, u kien hemm turisti li ddeċidew li jitilqu minħabba li ma setgħux joħorġu aktar flus, filwaqt li kien hemm turisti oħra li ddeċidew li jibqgħu alloġġati fil-lukanda u jħallsu mill-ġdid. Ix-xhud qal li dan ifisser li kien hemm min ħallas għall-vaganza tiegħu darbtejn, għax l-ewwel kienu ħallsu lil Low Cost Travel Group għall-vaganza tagħhom, u wara sabu li kellhom jerġgħu jħallsu għal parti mill-vaganza tagħhom direttament lil-lukanda tas-soċjetà attriċi.

Waqt l-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Louis Tabone**[32], li kkonferma li huwa jmexxi lil Edrichton Group, li jikkonsisti f'Edrichton Holidays, Cavendish Hotels Limited u Regency Car Hire. Qal li l-ħlasijiet dovuta isiru permezz ta' Edrichton Finance. Ix-xhud qal li l-ftehim li l-partijiet kellhom bejniethom kien wieħed standard, u r-rati kienu jiġu miftiehma minn staġun għal staġun u l-kuntratt jiġi ffirmat abbażi tar-rati maqbula bejn il-partijiet. Ix-xhud spjega li l-operaturi barranin kollha jaħdmu b'modi differenti, u hemm min ibigħ mill-*brochure,* min ibigħ mill-*internet* u min ibigħ lil aġenzija oħra. Dawn il-*bookings* imbagħad jgħadduhom lis-soċjetà konvenuta, u din min-naħa tagħha tgħaddihom lil-lukanda. Qal li l-operaturi barranin iħallsu wara għadd ta' ġranet, u hemm min idum iżjed minn disgħin ġurnata biex iħallas dak dovut minnu. Ix-xhud qal li l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-ftehim li s-soċjetà konvenuta għandha mal-operaturi barranin ivarjaw, iżda huma

[32] *A fol.* 491 tal-proċess.

elenkati fil-ftehim bejn is-soċjetà konvenuta u dawn l-operaturi. Qal ukoll li mhux l-operaturi barranin kollha jħallsu depożitu. Ix-xhud qal li kif joħorġu l-klijenti mil-lukanda, is-soċjetà attriċi kienet toħroġ *invoice* lis-soċjetà konvenuta, u din min-naħa tagħha kienet obbligata li tħallas fi żmien sittin ġurnata minn meta tintbagħat l-*invoice*, għalkemm żied jgħid li fil-prattika hu kien jistenna li jitħallas mingħand l-operaturi barranin biex iħallas dak dovut minnu. Ix-xhud qal li l-kont eżistenti bejn il-partijiet kien kont dinamiku, li jinbidel il-ħin kollu u li baqa' qatt ma ġie rikonċiljat. Ix-xhud qal li minkejja li kienu għaddew sentejn minn meta nfetħu l-proċeduri odjerni, il-ħlas dovut da parti tas-soċjetà konvenuta baqa' ma sarx minħabba li din baqgħet ma rċevietx il-ħlasijiet dovuti lilha mingħand għadd ta' operaturi barranin. Żied jgħid li fir-rigward taż-żewġ lukandi San Antonio u Seabank, is-soċjetà konvenuta għad trid tirċievi l-ammont ta' kwart ta' miljun Euro. Ix-xhud qal li wara l-falliment tal-Low Cost Travel Group, hu kien insista mas-soċjetà attriċi li l-*bookings* li kienu saru permezz din il-kumpannija kellhom jiġu kkanċellati. Il-kontroeżami tax-xhud tkompla waqt l-udjenza tat-13 ta' Lulju, 2018[33], fejn qal li l-lukanda Seabank għandha x'titħallas mingħand is-soċjetà konvenuta, iżda din għandha tirrifondilha xi flus ukoll. Minkejja dan ix-xhud ikkonferma li ma saret l-ebda kontrotalba mis-soċjetà konvenuta fir-rigward ta' din il-pretenzjoni. Qal iżda li hu għandu jieħu kwart ta' miljun Euro mingħand is-soċjetà attriċi, u għalhekk ma jippretendix li huwa għandu jħallas l-erbgħa u tletin elf Euro (€34,000) dovuta minnu. Ix-xhud qal li minkejja li m'għamel l-ebda kontrotalba f'dan ir-rigward, huwa tkellem diversi drabi ma' esponenti tas-soċjetà attriċi, kien hemm laqgħat, kien hemm korrispondenza bl-*email* u minkejja dan baqa' ma sar xejn. Ix-xhud qal li huwa għandu kawża pendenti

[33] *A fol.* 508 tal-proċess.

kontra s-Seabank Hotel, u għad irid jagħmel sekwestru fuq l-ammont li huwa jippretendi li huwa dovut lilu. Ix-xhud ikkonferma li f'Ottubru tal-2016 huwa rċieva ittra uffiċjali li kienet intbagħet lilu minn għadd ta' lukandi llkoll membri tal-MHRA. Ix-xhud qal li l-mittenti ta' dik l-ittra uffiċjali ġew imwieġba individwalment. Ix-xhud qal li min-naħa tiegħu huwa kien joħroġ il-kontijiet b'mod immedjat, u kontinwament kien isegwi l-ħlasijiet dovuta lilu mill-operaturi barranin. Kompla jgħid li meta ntlaħaq ftehim dwar ir-*repayment schedule* bejn il-partijiet, huwa kien qabel li jħallas mitt elf Euro (€100,000) dakinhar stess, u ħamsa u sebgħin elf Euro (€75,000) kull ġimgħa sakemm l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi jiġi saldat kollu. Ix-xhud ikkonferma li bejn il-partijiet kien sar diskors fis-sens li jekk is-soċjetà konvenuta ma kinitx ser tħallas dak dovut minnha lis-soċjetà attriċi, il-klijenti li jintbagħtu fil-lukandi tas-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta ma kinux ser jiġu aċċettati, u eventwalment kien ġie deċiż li għal kull klijent li jintbagħat mis-soċjetà konvenuta, kellu jsir il-ħlas fil-pront mill-istess soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li l-proposta tiegħu kienet li jħallas ħamsa u sebgħin elf Euro (€75,000) lis-soċjetà attriċi fil-ġimgħa, iżda hu ma kienx speċifika kemm minn dak l-ammont kellu jmur għall-ħlasijiet dovuta lil San Antonio u kemm kellu jmur għall-ħlasijiet dovuta lis-Seabank. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm l-ammont ta' mitt elf Euro (€100,000) li tħallas mis-soċjetà konvenuta u li s-soċjetà attriċi akkreditatu lil San Antonio Hotel. Qal ukoll li fil-fehma tiegħu dawn il-mitt elf Euro (€100,000) ma kellhomx jiġu akkreditati sabiex jiġu saldati djun passati, iżda dawn kienu flejjes akkont tal-*bookings* għas-sajf ta' wara li fuqhom is-soċjetà konvenuta kellha tingħata *early booking discounts.* Ix-xhud esebixxa kopja ta' *reservations list* bil-*bookings* kollha li saru mis-soċjetà konvenuta fil-

lukanda tas-soċjetà attriċi fil-perijodu bejn it-13 ta' April, 2009 u l-1 ta' Novembru, 2016.[34]

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2018, sar il-kontroeżami ta' **Denise Ellul**[35], li qalet li hekk kif kien ikun hemm qbil dwar ir-rati li bihom kienu ser jinbiegħu l-kmamar mil-lukandi, dawn kienu jiġu mgħoddija lill-operaturi. Qalet li l-kummissjoni għal tali servizz titħallas mil-lukanda, u s-soċjetà konvenuta ma titħallasx mill-operaturi għaliex hija mhijiex aġenta. Qalet li l-operaturi barranin jgħaddu lista bl-informazzjoni tal-persuni li jkun qiegħed isir il-ħlas għalihom, u żiedet tgħid li mal-*booking* ma jsirx ħlas ta' depożitu mill-operaturi barranin. Qalet li hekk kif il-*booking* jiġi kkonfermat mil-lukanda, is-soċjetà konvenuta tinforma lill-operatur barrani li l-*booking* ikun ġie kkonfermat. Fir-rigward tal-*early bookings discount,* ix-xhud ikkonfermat li għall-istaġun tar-rebbiegħa u s-sajf 2016, din id-*discount* ma kinitx tħallset mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi, u għalhekk is-soċjetà konvenuta ma setgħetx tippretendi li tingħata *discount* jew rati speċjali għal dak il-perijodu ladarba hija ma kinitx ħallset għalihom minn qabel. Ix-xhud ikkonfermat li lejn l-aħħar tas-sena 2015, is-soċjetà konvenuta waqgħet lura fil-pagamenti li kellha tagħmel kemm fir-rigward tal-lukanda San Antonio kif ukoll fir-rigward tas-Seabank. Ix-xhud qalet li hija kellha *email* li turi li kien hemm qbil li s-soċjetà konvenuta kienet ser tibda tħallas l-ammont ta' sebgħa u tletin elf u ħames mitt Euro (€37,500) fil-ġimgħa lis-Seabank, u sebgħa u tletin elf u ħames mitt Euro (€37,500) fil-ġimgħa lis-San Antonio. Ix-xhud qalet li min-naħa tagħha hija ta' sikwit ma kinitx taqbel mat-talbiet għall-ħlas li kienu jsiru mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud esebiet sensiela ta' *emails* li għaddew bejn il-

[34] *A fol.* 522 *et seq.* tal-proċess.
[35] *A fol.* 548 tal-proċess.

partijiet fir-rigward tal-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi għall-ħlas, bil-pożizzjoni li kienu ħadu l-partijiet rispettivament[36], kif ukoll lista ta' pagamenti li kienu saru mis-soċjetà konvenuta bejn l-1 ta' Marzu 2016 u l-31 ta' Mejju 2016.[37]

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Frar, 2019, tkompla l-kontroeżami tax-xhud **Denise Ellul**[38], li qalet li l-ħlas ta' sebgħa u tletin elf u ħames mitt Euro (€37,500) fil-ġimgħa mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi baqgħu jsiru sakemm il-pagamenti dovuta jiġu eżawriti. Fi kliem ix-xhud:

> "Meta ġejna *in line* max-xhur u mal-pagamenti ovvjament it-*thirty seven thousand five hundred (€37,500) weekly* waqfu. Jiġifieri l-aħħar pagament kien fit-*twenty-first (21) of March* ta' dak l-*agreement."*

Ix-xhud qalet li l-pagamenti mis-soċjetà konvenuta kienu jinqasmu b'tali mod li dak li kien dovut lis-Seabank kien jitħallas lis-Seabank, u dak li kien dovut lil San Antonio, kien jitħallas lil San Antonio. Ix-xhud ikkonfermat li kien hemm żmien partikolari fejn il-ħlasijiet dovuta għall-*bookings* mis-soċjetà konvenuta bdew isiru bil-quddiem, minħabba li s-soċjetà attriċi ma baqgħetx disposta li taċċetta *bookings* jekk ma titħallasx tagħhom.

Waqt l-udjenza tad-29 ta' Marzu, 2019, reġa' xehed **Vincent De Giorgio**[39], li esebixxa dokument li jindika liema *invoices* kienu tħallsu mis-soċjetà konvenuta.[40] Fir-rigward tal-*bookings* li saru permezz tal-kumpannija Low Cost Travel, ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta qiegħda tinsisti li ma tħallasx għal dawk il-*bookings,* filwaqt li s-soċjetà attriċi għadha tinsisti li dawk l-ammonti

---

[36] *A fol.* 558 *et seq.* tal-proċess.
[37] *A fol.* 561 tal-proċess.
[38] *A fol.* 566 tal-proċess.
[39] *A fol.* 583 tal-proċess.
[40] *A fol.* 586 tal-proċess.

għadhom dovuta lilha. Ix-xhud qal li fl-aħħar faċċata hemm sunt ta' dak li s-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi li huwa dovut lilha, total ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u ħamsin Euro u disgħin ċenteżmu (€127,850.90). Ix-xhud ikkonferma li minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu l-mitt elf Euro (€100,000) li ġew allokati lil-lukanda Seabank.

Waqt l-udjenza tad-29 ta' April, 2019, reġgħet xehdet **Denise Ellul**[41], fejn ippreżentat dokument aġġornat bir-rikonċiljazzjoni tagħha.[42]

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-kwistjoni ewlenija li trid tiġi indirizzata mill-Qorti f'dawn il-proċeduri hija dwar jekk is-somma ta' tlieta u għoxrin elf, seba' mija u wieħed u tletin Euro u għaxar ċenteżmi (€23,731.10) li s-soċjetà attriċi qiegħda titlob li titħallas mis-soċjetà konvenuta, hijiex dovuta jew le, u dan fir-rigward ta' servizzi ta' akkomodazzjoni turistika reżi lil klijenti tas-soċjetà konvenuta. Il-proċeduri odjerni huma għar-rigward tal-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, seba' mija u wieħed u tletin Euro u għaxar ċenteżmi (€23,731.10), għad li matul dawn il-proċeduri ġie ppreċiżat minn esponenti tas-soċjetà attriċi, fosthom mill-*financial controller* tagħha André Attard, li meta ngħalaq l-istaġun tas-sajf 2016 fil-31 ta' Ottubru 2016 u saret ir-rikonċiljazzjoni tal-kontijiet mis-soċjetà attriċi, allegatament kien ġie stabbilit li l-ammont dovut mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi kien ta' sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u ħamsin Euro u disgħin ċenteżmu (€27,850.90). Madanakollu il-Qorti fil-

[41] *A fol.* 591 tal-proċess.
[42] *A fol.* 593 tal-proċess.

konsiderazzjonijiet u fid-deċiżjoni tagħha hija marbuta mat-talbiet kif saru fir-rikors maħluf, u għalhekk id-deċiżjoni tagħha ser tkun ibbażata fuq is-somma ta' €23,731.10 kif oriġinarjament pretiżi mis-soċjetà attriċi.

Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li l-proċedura odjerna hija waħda intempestiva peress li ġiet intavolata f'Settembru tas-sena 2016, filwaqt li l-kotba għall-istaġun tas-sajf 2016 kellhom jiġu rikonċiljati bejn il-partijiet wara l-aħħar ta' Ottubru 2016, id-data meta jingħalaq l-istaġun turistiku tas-sajf. Mill-provi jirriżulta li d-deċiżjoni tas-soċjetà attriċi li tipproċedi b'din il-kawża kienet immotivata mill-fatt li s-soċjetà konvenuta kienet ilha moruża f'diversi pagamenti tul is-snin meta l-partijiet kienu f'din ir-relazzjoni kummerċjali, tant hu hekk li bejn il-partijiet kellu jintlaħaq ftehim dwar il-modalità tal-ħlas, u eventwalment is-sitwazzjoni kienet tali li s-soċjetà attriċi kellha twissi lis-soċjetà konvenuta li ma kinitx ser taċċetta aktar *bookings* mingħandha jekk dawn ma jkunux akkumpanjati mill-ħlas dovut.

Mill-provi jirriżulta li r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet kienet ilha għaddejja għal għadd ta' snin, u s-soċjetà konvenuta kienet tippromwovi ma' diversi operaturi barranin il-bejgħ ta' kmamar ta' diversi lukandi f'Malta, fosthom lukandi ġestiti mis-soċjetà attriċi, li jibagħtu l-klijenti tagħhom f'Malta għall-vaganzi. Il-ftehim dwar ir-rati li bihom kellhom jinbiegħu l-kmamar f'xhur differenti tas-sena, kien jiġi ffirmat darbtejn fis-sena mill-partijiet, u dan il-ftehim kien suġġett għal xi kundizzjonijiet, fosthom li l-ħlas da parti tas-soċjetà konvenuta kellu jsir fi żmien sittin ġurnata minn meta tinħareġ mis-soċjetà attriċi l-*invoice* għall-ħlas.

Tqis illi l-*financial controller* tas-soċjetà attriċi André Attard spjega kif turist li jasal hawn Malta, jippreżenta r-*reservation voucher* tiegħu fir-*reception* tal-lukanda, u b'dak il-mod il-lukanda jkollha garanzija li ser titħallas tas-servizz mogħti lil dak il-klijent. Kundizzjoni oħra fil-ftehim li kien jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet tgħid li dak il-ftehim jorbot lis-soċjetà attriċi u lis-soċjetà konvenuta, u li m'hemm l-ebda parti oħra involuta fit-tranżazzjonijiet u fin-negozju li jsir bejn il-partijiet, u l-ħlasijiet pretiżi mis-soċjetà attriċi dejjem intalbu mingħand is-soċjetà konvenuta, u din min-naħa tagħha kienet tkun hi li tagħmel tajjeb għal dak dovut minnha, għalkemm Louis Tabone xehed li hu kien ikun f'qagħda li jeffettwa l-pagamenti dovuti ladarba hu jitħallas mingħand l-operaturi barranin. Tqis li mill-provi jirriżulta li l-ħlasijiet dovuta lis-soċjetà attriċi rigward il-klijenti li jintbagħtu fil-lukandi tagħha permezz tas-soċjetà konvenuta, dejjem kienu jsiru mis-soċjetà konvenuta u mhux minn xi operatur barrani jew xi aġenzija oħra.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà konvenuta insistiet li meta jkun hemm intermedjarji barranin involuti, bħal fil-każ ta' Lowcostbeds.com Limited, kienet tkun din l-intermedjarja barranija responsabbli għall-ħlasijiet dovuta u mhux is-soċjetà konvenuta. Il-Qorti tirrileva però li matul is-smigħ tal-kawża ma nġabet l-ebda prova f'dan is-sens, u għall-kuntrarju mill-korrispondenza esebita fl-atti tal-kawża, jirriżulta li dejjem kienu l-esponenti tal-partijiet fil-kawża li tkellmu u kkorrispondew ma' xulxin dwar il-ħlasijiet dovuta, mingħajr l-ebda involviment ta' terzi.

Tqis dak li xehed is-CEO tas-soċjetà attriċi Arthur Gauci, li l-*invoices* mis-soċjetà attriċi kienu jintbagħtu lis-soċjetà konvenuta l-għada li klijent jitlaq mil-lukanda, u s-soċjetà konvenuta kienet tingħata perijodu ta' sittin ġurnata

biex tħallas. Kemm dan ix-xhud, kif ukoll il-*financial controller* tas-soċjetà attriċi André Attard, xehdu li s-soċjetà konvenuta kienet tagħmel il-ħlasijiet dovuta minnha b'mod sporadiku, u mingħajr konsistenza, u s-soċjetà attriċi kellha tibgħat diversi komuniki lis-soċjetà konvenuta sabiex tiġbor dak dovut lilha. Intqal ukoll li kemm-il darba esponenti tas-soċjetà konvenuta kienu jallegaw li hemm diskrepanzi jew li mhumiex jaqblu mal-ammonti pretiżi mis-soċjetà attriċi mingħajr ma jagħtu spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni għal dan. Mill-korrispondenza esebita fil-kawża, jirriżulta li s-soċjetà konvenuta fl-ebda waqt ma wieġbet lis-soċjetà attriċi li l-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi kellhom jiġu indirizzati lil terzi għax kienu dovuta minn terzi, u huwa dan il-fatt li jwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi li r-relazzjoni kummerċjali kienet strettament bejn il-partijiet fil-kawża u hija s-soċjetà konvenuta li għandha twieġeb għal kwalsiasi ħlasijiet li għadhom dovuta minnha lis-soċjetà attriċi.

L-esponenti tas-soċjetà attriċi spjegaw ukoll kif operaturi oħra li kienu wkoll jaħdmu ma' Lowcostbeds.com Limited, kienu ħallsu dak dovut minnhom lis-soċjetà attriċi, u kienet biss is-soċjetà konvenuta li rrifjutat li tħallas wara l-falliment ta' din il-kumpannija barranija. Ix-xhud Aurthur Gauci spjega wkoll li l-kawża odjerna hija għall-ħlas ta' servizzi attwalment ipprovduti mis-soċjetà attriċi u r-*reservations* li ġew ikkanċellati mhumiex inklużi fis-somma pretiża mis-soċjetà attriċi.

Tqis li s-soċjetà konvenuta kienet obbligat ruħha li tagħmel tajjeb għal dak dovut minnha fir-rigward ta' klijenti tal-Lowcostbeds.com sad-data tal-15 ta' Lulju, 2016, u esponenti tas-soċjetà attriċi kienu avviċinaw lill-klijenti tal-Lowcostbeds.com li kienu alloġġati fil-lukanda u talbu l-ħlas direttament mingħandhom fir-rigward tal-ġranet li huma kienu qattgħu fil-lukanda wara s-

16 ta' Lulju, 2016, anki jekk dan kien ifisser li dawn it-turisti spiċċaw ħallsu għal-lukanda darbtejn. Għal darb'oħra il-ftehim f'dan ir-rigward sar bejn il-partijiet fil-kawża, u ladarba jirriżulta mill-provi li s-soċjetà konvenuta kienet obbligat ruħha li tħallas għall-klijenti li bagħtet fil-lukanda tas-soċjetà attriċi sal-15 ta' Lulju 2016, din għandha tagħmel tajjeb għal dak li obbligat ruħha li tħallas. Barra minn hekk ġie ċċarat li s-soċjetà attriċi bl-ebda mod ma talbet ħlasijiet għal kanċellamenti jew għal klijenti li ma ħadux is-servizzi tagħha minħabba li ma setgħux iħallsu għall-vaganza tagħhom għat-tieni darba, u għalhekk l-eċċezzjonijiet imressqa mis-soċjetà konvenuta fir-rigward tal-falliment tal-kumpannija estera, huma fiergħa.

Esponenti oħra tas-soċjetà attriċi, fosthom John Messina u l-*financial controller* André Attard xehdu kif anki wara li kien hemm *repayment schedule* maqbula bejn il-partijiet, peress li sal-aħħar tal-2015 is-soċjetà konvenuta kienet waqgħet lura ħafna fil-ħlasijiet, din ir-*repayment schedule* ma kinitx tiġi onorata b'mod rigoruż, u wħud mill-pagamenti ma kinux akkumpanjati b'*remittance advice* b'tali mod li kienet is-soċjetà attriċi li kienet tiddeċiedi l-flus li kienet tirċievi mingħand is-soċjetà konvenuta kif kellha tallokahom fis-sistema tal-*accounts* tagħha. Kien minħabba f'dawn l-inkonsistenzi li s-soċjetà attriċi kienet ħarġet għadd ta' twissijiet lis-soċjetà konvenuta, fosthom li ma kinitx ser taċċetta aktar klijenti mingħand is-soċjetà konvenuta jekk ma tirċevix il-ħlas dovut qabel dawn jaslu Malta.

Il-Qorti semgħet ukoll lix-xhud Louis Tabone jispjega kif fil-fehma tiegħu hu m'għandu jagħti xejn lis-soċjetà attriċi peress li huwa għandu jieħu mingħandha kwart ta' miljun Euro, u għalhekk qiegħed jirrifjuta li jħallas dak dovut minnu. Il-Qorti tqis li f'dawn il-proċeduri ma nġabet ebda kontrotalba

fir-rigward tal-pretensjonijiet tas-soċjetà konvenuta, u l-ebda dokument ma nġab bħala prova ta' dawn il-flejjes li s-soċjetà konvenuta tippretendi li għandha tieħu mingħand is-soċjetà attriċi, jew dawn il-flejjes għal xiex inhuma dovuti. Bl-istess mod is-soċjetà konvenuta ma ġabet l-ebda prova dokumentarja li turi li kien hemm istanzi fejn operaturi barranin jew addirittura terzi kienu jħallsu huma b'mod dirett lis-soċjetà attriċi għas-servizzi pprovduti lill-klijenti tagħhom. Għall-kuntrarju l-korrispondenza esebita mill-partijiet fil-kawża, hija evidenza ċara li l-komunikazzjoni f'dan ir-rigward dejjem saret bejn esponenti tas-soċjetà attriċi u esponenti tas-soċjetà konvenuta, u s-soċjetà konvenuta fl-ebda waqt ma indikat xi kumpannija terza li l-ħlas dovut lis-soċjetà attriċi kellu jinġabar mingħandha.

Illil kwantu għall-allokazzjoni tas-somma ta' mitt elf Euro (€100,000) li ġew allokati lill-kontijiet tal-lukanda San Antonio minflok tas-Seabank, għalkemm dawn il-flejjes ma jiffurmawx parti mill-mertu ta' din il-kawża, il-Qorti xorta waħda tirrileva illi li kieku ma saritx din l-allokazzjoni mis-soċjetà attriċi, l-ammont dovut mis-soċjetà konvenuta kien ser ikun ta' mitt elf Euro (€100,000) aktar minn dak li qiegħed jiġi pretiż f'din il-kawża.

Barra minn hekk ix-xhud Denise Ellul xehdet li dawk il-flejjes kienu jirrappreżentaw ħlas akkont minħabba li s-soċjetà konvenuta kienet ibbenefikat mill-*early bookings discount* offrut mis-soċjetà attriċi fir-rigward ta' *bookings* fil-lukanda Seabank, iżda mill-provi irriżulta li dan l-iskont ma setax jiġi offrut lis-soċjetà konvenuta ladarba ma sarx il-ħlas tal-ħamsin fil-mija (50%) akkont mal-*bookings* li saru minnha, u kienu diversi l-esponenti tas-soċjetà attriċi li xehdu li s-soċjetà konvenuta ma bbenefikatx minn dan l-iskont għall-istaġun tas-sajf 2016 minħabba fil-pendenzi dovuta minnha. Il-fatt li l-

ħlasijiet mis-soċjetà konvenuta kienu jsiru b'mod sporadiku, u diversi drabi kienu jkunu nieqsa mir-*remittance advice* maċ-ċekk li kien jintbagħat, ta lok biex is-soċjetà attriċi allokat hi l-flus li bdiet tirċievi mingħand is-soċjetà konvenuta b'mod li bdew jinqatgħu l-pendenzi li kien hemm.

Tqis li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà konvenuta għamlet riferiment għad-diversi diskrepanzi li hi tallega li sabet fl-*istatements* ippreżentati mis-soċjetà attriċi bħala prova tal-ammonti dovuta lilha, fosthom billi kien hemm ammonti li ntqal li kienu mħallsa diġà, ammonti oħra li mhumiex dovuti, ammonti tal-Lowcostbeds.com Limited li tgħid li m'għandhomx jitħallsu minnha, u ammonti oħra li għandhom jiġu rifużi lis-soċjetà konvenuta. Tul dawn il-proċeduri ma nġabet l-ebda prova, dokumentarja jew mod ieħor, ta' dak li qiegħda tallega s-soċjetà konvenuta. Barra minn hekk  fuq ammissjoni tas-soċjetà konvenuta stess, sal-31 ta' Ottubru 2016, hija kellha tagħti s-somma ta' disgħa u tletin elf, ħames mija u tmienja u għoxrin Euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€39,528.62) lis-soċjetà attriċi, iżda fl-istess nifs tgħid li ma tafx l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, seba' mija u wieħed u tletin Euro u għaxar ċenteżmi (€23,731.10) għal xiex inhuma dovuta.

Il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti f'din il-kawża, u partikolarment in vista tad-dokument esebit *a fol.* 586 tal-proċess, jirriżulta bl-aktar mod ampju li s-somma ta' tlieta u għoxrin elf, seba' mija u wieħed u tletin Euro u għaxar ċenteżmi (€23,731.10) huma dovuta mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;**

**2. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlieta u għoxrin elf, seba' mija u wieħed u tletin Euro u għaxar ċenteżmi (€23,731.10) rappreżentanti prezz ta' ħlas ta' servizzi ta' akkomodazzjoni turistika reżi mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta.**

**Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru nru 1475/2016, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-aħħar ħlas għal servizz ta' akkomodazzjoni sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**